MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 47/2019LM

**Jan Sammut (K.I. 94872M)**
*(l-appellant)*

***vs.***

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent, hawnhekk "l-appellant", **Jan Sammut** (K.I. 94872M), minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali (minn

issa 'l quddiem "it-Tribunal") fit-3 ta' Mejju, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċida illi:

> *"Ra r-rikors tar-rikorrent Jan Sammut għat-talba tiegħu sabiex tiġi kjamata fil-kawża s-soċjetà HSBC Holdings plc 8 Canada Square London E14 5HQ United Kingdom;*
>
> *Ra r-risposta tal-intimat;*
>
> *Stante li r-relazzjoni kuntrattwali tar-rikorrent dejjem kienet mas-soċjetà intimata, it-Tribunal jiċħad it-Talba."*

**Fatti**

2. Fit-30 ta' Novembru, 2016 ir-rikorrent appellant għamel talba lit-Tribunal taħt l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) kontra s-soċjetà intimata, hawnhekk "l-appellata", **HSBC Bank (Malta) plc** (C 3177) minħabba allegat aġir diskriminatorju fil-konfront tiegħu dwar ir-rimunerazzjoni li jitħallas għal xogħlu, fit-termini tal-artikolu 26 u 27 tal-imsemmija Att. Ir-rikorrent appellant individwa żewġ impjegati bħala *'comparators'* tiegħu, Andrew Beane u Gareth Williams, sabiex it-Tribunal ikun jista' jibda l-proċess tal-evalwazzjoni sabiex jistabbilixxi jekk teżistix l-allegata diskriminazzjoni kontra tiegħu, u jekk kemm-il darba jinstab li teżisti, jistabbilixxi jekk tali diskriminazzjoni hijiex waħda ġustifikata f'għajnejn il-liġi.

**Mertu**

3. Fit-2 ta’ April, 2019 ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn talab is-sejħa fil-kawża ta’ HSBC Holdings plc, fejn fost ir-raġunijiet li ta għal din it-talba, qal illi s-sejħa fil-kawża tal-imsemmija soċjetà hija meħtieġa sabiex il-ġudizzju jkun wieħed integru u għall-ekonomija tal-ġudizzju, peress li din tikkwalifika bħala *‘single source’* tas-soċjetajiet kollha formanti parti mill-HSBC Group u hija tkun tista’ tagħmel tajjeb għall-allegata diskriminazzjoni, kemm-il darba jiġi ppruvat mis-soċjetà intimata appellata li mhijiex l-*employer* kemm tar-rikorrent u kif ukoll ta’ Andrew Beane u ta’ Gareth Williams.

4. Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata permezz ta’ risposta ppreżentata fit-18 ta’ April, 2019 oġġezzjonat għal din it-talba għaliex ir-rikorrent kellu l-obbligu li jipprova li hemm entità waħda li kienet responsabbli għad-differenza fil-pagi u kundizzjonijiet u illi din l-entità hija f’qagħda li tirrimedja s-sitwazzjoni, u mhux jiġi ppruvat biss li ż-żewġ prinċipali rispettivi jiffurmaw parti mill-istess grupp ta’ kumpanniji. Barra minn hekk is-soċjetà intimata opponiet għat-talba għaliex ġaladarba HSBC Holdings plc ma kinitx inkluża mill-ewwel fost l-intimati, it-talba għas-sejħa fil-kawża jeħtieġ li tkun imsejsa fuq xi informazzjoni li rriżultat mill-provi jew li ġiet f’idejn ir-rikorrent wara li nbdew il-proċeduri. Is-soċjetà intimata tgħid ukoll li HSBC Holdings plc ma kellha parti fl-ebda deċiżjoni li ttieħdet fir-rigward tal-paga tar-rikorrent, peress li tali deċiżjonijiet ittieħdu mill-bord tad-diretturi tas-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata isostni li qabel ma tiġi msejħa fil-kawża HSBC Holdings plc minħabba r-relazzjoni tagħha mal-imsemmija

impjegati sekondati, ir-rikorrent għandu l-ewwel jipprova li l-impjegati li qiegħed iqabbel ruħu magħhom qegħdin f'sitwazzjoni komparabbli ma' tiegħu.

**Is-Sentenza Appellata**

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Mejju, 2019, it-Tribunal ċaħad it-talba tar-rikorrent, stante li r-relazzjoni kuntrattwali tar-rikorrent dejjem kienet mas-soċjetà intimata.

**Ir-Rikors tal-Appell**

9. Ir-rikorrent appellant ippreżenta l-appell tiegħu fil-23 ta' Mejju, 2019, fejn talab lill-Qorti sabiex:

> *"...tħassar id-digriet tat-Tribunal Industrijali tat-3 ta' Mejju, 2019 fejn it-Tribunal ċaħad it-talba tal-appellant Jan Sammut sabiex tiġi kjamata fil-kawża HSBC Holdings plc (UK) billi r-raġuni mogħtija mill-istess Tribunal hija waħda żbaljata u bla bażi legali xierqa, u tordna l-kjamata in kawża tal-istess HSBC Holdings plc (UK) sabiex tkun tista' tirrispondi hija għad-diskriminazzjoni allegata kemm-il darba t-Tribunal Industrijali jiddeċiedi hekk."*

10. L-appellant jispjega l-aggravju tiegħu billi jsostni li d-deċiżjoni tat-Tribunal fejn ċaħad it-talba tiegħu għas-sejħa fil-kawża tas-soċjetà estera HSBC Holdings plc, hija żbaljata u bla bażi legali xierqa u għalhekk għandha tiġi revokata. L-appellant jispjega li r-raġuni li straħ fuqha t-Tribunal, ċioé li r-relazzjoni

kuntrattwali tar-rikorrent dejjem kienet mas-soċjetà intimata, sabiex ċaħad is-sejħa fil-kawża ta' HSBC Holdings plc, mingħajr ma l-appellant ġie mogħti l-opportunità jittratta dwar l-oġġezzjonijiet imressqa mis-soċjetà intimata, mhijiex waħda valida fil-liġi. Dan wisq anqas meta din ir-raġuni ma ġietx sollevata b'mod dirett mis-soċjetà intimata fir-risposta tagħha għat-talba għas-sejħa fil-kawża ta' HSBC Holdings plc. L-appellat jispjega illi sabiex wieħed jistrieħ fuq il-prinċipju tas-*'single source'* ai termini tal-artikolu 141 tat-Trattat Ewropew, irid jiġi ppruvat li jkun hemm sors uniku li jistabbilixxi t-termini rilevanti għall-impjegati rilevanti, u li dan is-sors uniku jkun responsabbli għall-allegata inegwaljanza u li jkun jista' jirristabbilixxi trattament ugwali. L-appellant jgħid ukoll li mhuwiex meħtieġ li dan is-sors uniku jkun dak li oriġinarjament iffissa t-termini u l-kundizzjonijiet taż-żewġ impjegati jew aktar, jew li jkollu kontroll tal-amministrazzjoni ordinarja, għaliex dan mhuwiex it-test li jrid jiġi applikat sabiex jiġi stabbilit jekk jeżistix sors uniku jew le. Barra minn hekk jgħid l-appellant, m'hemm xejn xi jżomm li soċjetà titqies bħala sors uniku f'talba għal paga ndaqs, indipendentement mill-fatt li r-rikorrent ikollu relazzjoni kuntrattwali ma' soċjetà oħra. L-appellat jgħid li ladarba huwa stabbilit li din hija kwistjoni ta' fatt u mhux mod ieħor, it-Tribunal qatt ma seta' jiddeċiedi fuq jekk HSBC Holdings plc tikkwalifikax bħala *'single source'* qabel ma jisma' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet f'dan ir-rigward.

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjetà appellata qalet li permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Mejju, 2019, u ċ-ċioé wara li ġiet mogħtija d-deċiżjoni appellata, it-Tribunal laqa' t-talba tas-soċjetà intimata appellata illi ma kellhomx isiru domandi dwar paga u kundizzjonijiet oħra ta' xogħol ta' Andrew Beane u Gareth Williams, u dan peress li dawn mhumiex u qatt ma kienu fl-istess grad tar-rikorrent, u għalhekk b'din id-deċiżjoni tat-Tribunal ġie stabbilit li dawn mhumiex *'comparators'* tar-rikorrent appellant. Is-soċjetà appellata tgħid ukoll li din id-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex appellabbli f'dan l-istadju u jista' biss isir appell minnha flimkien ma' appell mid-deċiżjoni dwar il-mertu. Is-soċjetà appellata tgħid li f'dan il-punt tal-proċeduri odjerni, ġiet sorvolata l-kwistjoni dwar jekk hijiex meħtieġa s-sejħa fil-kawża ta' HSBC Holdings plc, ladarba t-Tribunal iddeċida li Beane u Williams ma jistgħux ikunu *'comparators'* tar-rikorrent Jan Sammut.

Kwantu għal dak li sostna r-rikorrent li t-Tribunal qatt ma seta' jiddeċiedi dwar jekk HSBC Holdings plc tikkwalifikax bħala *'single source'* qabel ma jisma' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet, is-soċjetà appellata twieġeb li peress li l-kawża quddiem t-Tribunal għadha fl-istadju tal-provi tar-rikorrent, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-appellant li jressaq dawn il-provi, iżda minflok dan għażel li jagħmel talba għas-sejħa fil-kawża tas-soċjetà HSBC Holdings plc u in sostenn ta' din it-talba għamel biss riferiment għax-*shareholding structure* li kien ippreżenta mar-rikors promotur, anki jekk is-soċjetà appellata ma tikkonfigurax fl-imsemmija

*shareholding structure* u s-sors ta' dan id-dokument mhuwiex magħruf. Is-soċjetà appellata issostni li mill-provi prodotti ma jirriżultax li s-soċjetà li r-rikorrent qiegħed jitlob is-sejħa fil-kawża tagħha hija *'single source'* għal dak li jirrigwardja il-paga u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrent, tal-ex-CEO u tal-ex-Head Human Resources tas-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellata tikkontendi li t-Tribunal kien korrett meta abbażi ta' dak illi argumenta r-rikorrent fir-rikors tiegħu u l-provi prodotti sa dak l-istadju, ċaħad it-talba tal-appellant abbażi tal-fatt illi r-relazzjoni kuntrattwali tar-rikorrent kienet dejjem mas-soċjetà intimata, u dan għaliex l-appellant bl-ebda mod ma pprova li s-soċjetà li talab is-sejħa fil-kawża tagħha kellha xi tip ta' relazzjoni kuntrattwali miegħu u/jew kellha xi poter tiddetermina l-paga u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti sejra tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellant fid-dawl tar-risposta għall-appell mogħtija mis-soċjetà appellata, u dan wara d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali li l-appellant qiegħed jattakka.

*L-uniku aggravju:* *Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija żbaljata u bla ebda bażi legali*

Din il-Qorti tqis illi r-rikorrent appellat kellu kull opportunità u sa ċertu punt għadu jista' jressaq il-provi rilevanti kollha li jidhrulu xierqa, ladarba l-provi

tiegħu għadhom mhumiex magħluqa, sabiex jistabbilixxi jekk Andrew Beane u Gareth Williams humiex *'comparators'* tiegħu. Fin-nuqqas li jseħħlu jagħmel dan, ikun inutli li tiddaħħal fil-kawża soċjetà terza li tista' tkun jew ma tkunx is-*'single source'* tal-paga u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu u ta' żewġ persuni oħra li l-appellant isostni li huma*'comparators'* tiegħu. F'dan is-sens it-talba tar-rikorrent għas-sejħa fil-kawża ta' HSBC Holdings plc hija prematura u intempestiva. Il-kwistjoni tal-*'comparators'* ġiet sa ċertu punt sorvalata mit-Tribunal meta b'digriet mogħti fil-31 ta' Mejju, 2019, laqa' t-talba tal-intimata appellata illi ma kellhomx isiru domandi dwar paga u kundizzjonijiet oħra ta' xogħol ta' Andrew Beane u Gareth Williams, u dan peress li mhumiex u qatt ma kienu fl-istess grad tar-rikorrent. Peress li l-proċeduri quddiem it-Tribunal għadhom fl-istadju tal-provi tar-rikorrent, u l-oneru tal-prova dwar jekk Beane u Williams humiex *'comparators'* tar-rikorrent, jinkombi fuq ir-rikorrent, ir-rikorrent teknikament għadu jista' jagħmel din il-prova jekk dan ikun il-każ. Huwa biss meta jiġi deċiż b'mod definittiv il-mertu, billi jiġi stabbilit jekk Andrew Beane u Gareth Williams humiex jew le *'comparators'* tar-rikorrent, u f'każ biss li r-rikorrent ikun seħħlu jagħmel din il-prova skont il-liġi, li tista' mbagħad tqum il-kwistjoni tas-*'single source'* u ta' jekk għandhiex tissejjaħ fil-kawża s-soċjetà estera HSBC Holdings plc.

13. Din il-Qorti tqis li t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu meta ċaħad it-talba tar-rikorrent għas-sejħa fil-kawża tas-soċjetà HSBC Holdings plc peress li r-relazzjoni kuntrattwali tar-rikorrent dejjem kienet mas-soċjetà intimata. Dan għaliex qabel ma għamel talba għas-sejħa fil-kawża ta' HSBC Holdings plc, ir-

rikorrent kellu l-ewwel u qabel kollox jegħleb it-test ta' jekk l-individwi li ried jagħmel il-paragun magħhom għal dawk li huma paga u kundizzjonijiet tax-xogħol, kienux tabilħaqq *'comparators'* tiegħu, prova li skont id-digriet tat-Tribunal tal-31 ta' Mejju, 2019, li mhuwiex appellabbli f'dan l-istadju tal-proċeduri tat-Tribunal, ir-rikorrent ma jidhirx li seħħlu jagħmel sa issa.

Għal dawn ir-raġunijiet tqis li l-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravju mressaq mill-appellant u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura fiż-żewġ istanzi, a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**